**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Illum, l-Erbgha, 18 ta' Settembru, 2002**

**Citazzjoni Numru: 883/02TM**

**Numru:**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numerat 1488/02 fl-ismijiet**
**John Zarb**

**Vs**

**Port Cottonera Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta'' Port Cottonera Limited ppresentat fil-31 ta' Lulju, 2002, fejn jesponi illi permezz tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 1488/02 mahrug kontra s-socjeta'' esponenti li gie akkordat minn din il-Qorti , l-attur John Zarb iddikjara li ghandu jithallas is-somma ta' mitt elf lira Maltin (LM100,000) rapprezentanti "*kumpens dovut lilu ghall-prestazzjonijiet minnu rezi li wasslu ghas-socjeta'' Casino' Municipale di Venezia S.p.a tinvesti fil-progett tal-Cottonera".*

Illi s-socjeta' esponenti qieghda tintavola dan ir-rikors sabiex din il-Qorti tordna r-revoka ta' dan il-att kawtelatorju a tenur tal-artikolu 836 (1) tal-kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jew, jekk jidhrilha li ghandu jinzamm fis-sehh, tordna lill-attur John Zarb jipprovdi garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi imposta u ta' danni u imghax, u dan a tenur tal-artikolu 838A ta' l-istess Att.

Illi fl-ewwel lok, jinghad illi zgur li l-attur ma kienx jehtieglu johrog dan l-att kawtelatorju sabiex jissalvagwardja l-pretensjoni tieghu stante li meta rrikorra ghalih kien jaf ben tajjeb li finanzjarjament is-socjeta'' Port Cottonera Limited hija altru milli likwida. Huwa impossibili li John Zarb ma kienx jaf li ma jkollu ebda diffikuta' jesegwixxi kwalunkwe titolu ezekuttiv favurih fuq l-assi notevoli li ghandha s-socjeta'' esponenti. Dina hija wahda mir-ragunijiet ghalfejn qieghed isir dan ir-rikors u dan peress li il-ligi tippermetti biss li jsir rikors ghal din it-tip ta' kawtela meta l-kreditur ikollu l-biza' fondata li l-qaghda finanzjarja tas-sekwestrat tista' tkun tali li tipperikola l-hlas ta' dak li jkun qieghed jippretendi. Kif ser naraw fil-kaz in ezami dawna c-cirkustanzi huma manifestament inezistenti, u dana l-fatt kien ben not lil John Zarb.

Illi s-socjeta' esponenti tirrileva illi skond l-artikolu E1 ta' kuntratt datat 1 ta' Frar tas-sena 2002, ippublikat fl-atti tan-Nutar Pierre Attard (Dok. PC1), hija ghandha tircievi minghand is-socjeta'' Scamps Development Limited sub-cens annwu u temporanju ghall-perijodu rimanenti ta' disa' u disghin sena li bdew jiddekorru mit-2 ta' Gunju, 1999, liema cens huwa kompost fil-mod segwenti:

(a) mija u hamsin elf lira Maltin (LM150,000) fis-sena li jinkrementa annwalment skond ir-*Retail Price Index*; u

(b) somma ulterjuri, li sal-31 ta' Lulju, 2006, tkun ekwivalenti ghal 20% tat-*total gross takings* tal-*games of chance* kollha milghuba fizikament fil-casino' operat fi Scamps Palace, il-Birgu, u dana wara li titnaqqas il-*gaming tax*, filwaqt li ghall-perijodu sussegwenti li jibda jiddekorri mill-31 ta' Lulju, 2006, il-percentagg pagabbli jinzel ghal 15% tat-*total gross takings* tal-*games of chance* kollha milghuba fizikament fil-casino'. **Apparti minn hekk, sal-1 ta' Awissu tas-sena, 2011 dan il-porzjon tas-subcens (u ghalhekk flimkien ma' l-pagament imsemmi fis-subinciz precedenti) komputat fuq it-*takings* tal-casino' kif hawn spjegat huwa soggett ghall-hlas minimu ta' LM350,000 fis-sena, li jinkrementa annwalment skond ir-*Retail Price Index*.**

Illi kif jirrizulta mill-artikolu F1 tal-istess Att dana l-hlas huwa garantit ukoll mis-socjeta' estera Casino' Municipale di Venezia S.p.a ghal perijodu ta' tlett snin b'effett mill-1 ta' Frar, 2002, ghalkemm dina l-garanzija tiskadi jekk ma tkunx giet kompletata lukanda qrib il-casino' sal-1 ta' Frar, 2004.

Illi apparti mid-dritt li tircievi dana s-subcens, is-socjeta' esponenti tiddetjeni 99% tal-ishma ta' s-socjeta'jiet sussidjarji taghha Galleys Developments Limited, Macina Development Limited, Port Cottonera Hotel Development Limited, Treasury Development Limited u Gateway Development Limited, li ilkoll igawdu titolu ta' subcens fuq l-immobbli kollha (ghajr ovvjament il-bini li prezentament jigi gestit minnu l-casino') deskritti f'kuntratt pubbliku datat 2 ta' Gunju tas-sena 1999 (estratt relevanti esebit bhala Dok. PCL2) li permezz tieghu Port Cottonera Limited kienet akkwistat b'titolu ta' enfitewsi temporanja diversi immobili li jinsabu fix-xtut tal-Birgu u tal-Isla, Cottonera.

Ill kif tista tara dina l-Qorti mill-att ezebit bhala dokument PCL1, il-valur kummercjali ta' dawna l-immobili huwa wiehed tassew

sostanzjali, u huwa ghalhekk li s-socjeta' esponenti fermament temmen li John Zarb ma kellu assolutament l-ebda htiega li jipprocedi bil-hrug ta' dan il-Mandat ta' Sekwestru li tieghu qieghda tigi mitluba r-revoka.

Illi ma ninsewx illi l-Kapitolu 12 jawtorizza l-hrug ta' mandati kawtelatorji meta jkun hemm htiega li wiehed jista' jqieghed fiz-zgur il-jeddijiet tieghu.  Peress li fil-kaz in ezami dan zgur li ma huwiex mehtieg, jirrizulta li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju mertu ta' din il-procedura ma ghadiex tezisti.

Illi apparti minn dan, is-socjeta' esponenti tirrileva illi l-attur John Zarb qabad u arbitrarjament hareg Mandat ta' Sekwestru fl-ammont ta' mitt elf lira Maltin (LM100,000) meta qabel il-hrug tal-mandat huwa kien irrifjuta li jikkwantifika l-pretensjoni tieghu u jaghti spjegazzjoni ta' kif kien ikkomputaha.

Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 8 ta' Mejju, 2002 (Dok PCL3), l-attur John Zarb talab lis-socjeta' Port Cottonera Limited sabiex fi

zmien sebat ijiem tersaq ghall-likwidazzjoni u ghall-hlas ta' senserija u/jew hlas ta' kumpens lilu dovut in konnessjoni mal-investiment maghmul mis-socjeta' estera Casino' Municipale di Venezia S.p.a fil-progett tal-Cottonera.

Illi permezz ta' ittra responsiva datata 31 ta' Mejju, 2002 (Dok PCL4) miktuba lil John Zarb mill-Avukat Paul Farrugia, Port Cottonera Limited talbitu jikkwantifika l-pretensjoni tieghu kif ukoll jispjega fuq liema kriterji kien wasal ghaliha. Din it-talba ovvjament saret sabiex is-socjeta' Port Cottonera jkollha l-fakolta' tanalizza din il-proposta u tara jekk kienetx legalment fondata. Stranament, meta John Zarb irrisponda ghal din it-talba permezz ta' ittra tal-konsulent legali tieghu datata 28 ta' Gunju, 2002, huwa wiegeb li ma kellu l-ebda bzonn li jaghmel dan peress li kien diga' gharraf lil direttur partikolari tas-socjeta' Port Cottonera Limited x'kienet il-pretensjoni tieghu.

Illi s-socjeta' esponenti taraha stramba hafna li f'dak l-istadju John Zarb irrifjuta kategorikament li jghid kemm kien qieghed jippretendi li kellu jigi mhallas u ftit granet wara kien kapaci johrog Mandat ta'

Sekwestru ghas-somma ta' LM100,000. Dan l-agir tal-attur huwa evidentement abbuziv u illegali, u huwa apparenti li l-uniku skop li kellu sabiex johrog dan il-mandat kien li jirrikatta lis-socjeta' esponenti.

Illi din il-Qorti zgur taprezza li sabiex il-Bord tad-Diretturi ta' Port Cottonera Limited (li kif jaf John Zarb huwa kompost minn seba' membri) huwa naturali li sabiex tikkunsidra t-talba ta' John Zarb kellha kull dritt tkun taf ezattament u f'mod formali kemm kien qieghed jitlob bhala hlas, kif ukoll kif kien wasal ghal dik is-somma. Din hija raguni ohra li wasslet lis-socjeta' esponenti tintavola dan ir-rikors ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1488/02. Apparti minn dan Joseph Debono, li huwa d-direttur li qieghed jaccenna ghalih John Zarb, jichad li huwa qatt ircieva l-informazzjoni msemmija minghandu.

Illi fattur iehor li mmotiva l-prezentata ta' dan ir-rikors huwa li ma jirrizultax li l-ammont mitlub huwa *prima facie* gustifikat u dana apparti li l-ammont mitlub zgur li huwa eccessiv. Wahda mir-ragunijiet

ghalfejn is-socjeta' esponenti tghid li l-ammont mitlub ma huwiex *prima facie* gustifikat hija proprja r-reticenza ta' John Zarb milli jinfurmaha qabel il-prezentata tal-mandat x'kien qieghed jippretendi. Il-fatt li huwa naqas milli jikkwantifika t-talba tieghu u jghid kif wasal ghaliha huma indikattivi tal-incertezza kbira li kellu s-sekwestrant. Hemm diversi raguni wara din l-incertezza, u cioe':

i. In-negozju li a bazi tieghu qieghed jitlob il-hlas sehh bejn Scamps Development Limited u Vittoriosa Gaming Limited, li l-ishma taghha huma detenuti mis-socjeta' estera Casino' Municipale di Venezia S.p.a. Ghalhekk Port Cottonera Limited hija estraneja ghal dan in-negozju.

ii. John Zarb ma ppartecipa assolutament xejn fit-trattativi protratti u ferm difficili li wasslu ghall-konkluzjoni ta' dan in-negozju. Kien biss inizjalment li huwa kien prezenti ghal xi laqghat li sehhew bejn il-partijiet. Fil-fatt huwa stess jammetti li jista' jkun li haqqu biss hlas ghal

kumpens u mhux ghal senserija, konferma li ma ppartecipa kwazi assolutament xejn fin-negozjati.

iii. L-ammont li qieghed jintalab minnu huwa 'l boghod ferm minn dak li jista' (u dana ma huwiex ammess) jkun dovut lilu, fattur li zgur li gie nnotat min din il-Qorti. Is-somma ta' mitt elf lira Maltin (LM100,000) pretiza mis-sekwestrant tant hija esagerata li huwa stess lanqas biss indenja ruhu jispjega kif wasal ghaliha. Il-kwistjoni ta' hlas ta' senserija in konnessjoni ma negozju konkluz a bazi ta' enfitewsi gieli giet determinata mill-Qrati taghna, u jekk l-istess principju ser jigi applikat f'dan il-kaz, kif is-socjeta' esponenti tippretendi, is-somma ta' LM100,000 pretiza minn John Zarb ma tista' qatt tigi miksuba minnu.

Illi dan il-Mandat ta' Sekwestru kellu impatt tassew negattiv fuq is-socjeta'' esponenti, u dan peress li bih giet imrazzna l-*overdraft facility* li bis-sahha taghha kienet qieghda topera. Hekk prezentement is-socjeta' esponenti ghandha diffikulta' kbira sabiex teffetwa l-hlas

tal-obbligi taghha, bhal per ezempju l-pagi tal-haddiema taghha u tan-nies u kuntratturi li rrendewla diversi servizzi. Apparti minn dan hija ser ikollha thallas l-imghaxijiet fuq dan l-ammont tant elevat, u dan meta ma kien hemm l-ebda htiega li jinhareg dan il-mandat.

Illi minn dak li gie spjegat aktar 'l fuq, is-socjeta' esponenti ghandha kull dritt tippretendi li din il-Qorti tordna r-revoka ta' dan il-mandat a bazi tal-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Min-naha l-ohra, jekk din il-Qorti jidrilha li l-mandat ghandu jinzamm fis-sehh, is-socjeta' esponenti temmen li ghandhom jigu applikati l-provedimenti stipulati fl-artikolu 838A, u dan sabiex jigu salvagwardjati adegwatament l-interessi u d-drittijiet taghha, tenut kont ukoll li l-ammont pretiz mis-sekwestrant huwa wiehed tassew elevat.

Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti Port Cottonera Limited bir-rispett titlob lil din il-Qorti sabiex:

(a) tordna r-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1488/02 fl-ismijiet John Zarb vs Port Cottonera Limited, u dan a

tenur tal-artikolu 836 (1) (b), (c), (d), (e) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

(b) fl-eventwalita' li din il-Qorti jidrilha li dan il-mandat ghandu jinzamm fis-sehh, tapplika l-provvediment kontemplat fl-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 u tordna lis-sekwestrant John Zarb sabiex, fi zmien li ghandu jigi stabbilit minnha, jaghti garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi imposta u ta' danni u imghax, u tordna li jekk dan id-depozitu ma jigix maghmul fi zmien hekk prefiss, li l-att kawtelatorju jigi mnehhi.

Rat ir-risposta ta' John Zarb fejn espona:

1. Illi s-socjeta' Port Cottonera Limited qeghda titlob ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju, u fin-nuqqas tar-revoka, li l-Qorti tordna lill-esponenti jghati garanziji xierqa a tenur tal-artikolu 838A tal-Kap. 12 ghal tlett ragunijiet ewlenin:-

(a) Illi "Port Cottonera Limited hija altru milli likwida";

(b) Illi l-esponenti qatt ma specifika l-ammont minnu pretiz; u

(c) Illi f'kull kaz, "l-ammont li qieghed jintalab minnu (minn Zarb) huwa 'l boghod ferm minn dak li jista' jkun dovut lilu."

2. (a) Il-likwidita' ta' Port Cottonera Limited

Wara faccata shiha (bejn l-ewwel u t-tieni faccata tar-rikors) li fiha jinghad kemm hija likwida u kemm ghandha assi s-socjeta' Port Cottonera Limited, a fol. 4 tal-istess rikors din l-istess socjeta' tissotometti illi biex topera, ghandha bzonn *overdraft policy* u li "ghandha diffikulta' kbira biex teffetwa l-hlas tal-obbligi taghha, bhal per ezempju l-pagi tal-haddiema taghha u n-nies u kuntratturi li rrendewlha diversi servzz."

Din is-sitwazzjoni kienet appuntu il-preokupazzjoni tal-esponenti u li waslitu johrog il-Mandat ta' Sekwestru sabiex iqieghed fiz-zgur il-pretensjoni tieghu.

3. (b) Il-pretensjoni ta' Zarb qatt ma giet kwantifikata.

Jekk wiehed ihares lejn il-kuntratt imsemmi fir-rikors promotorju, huwa facli hafna li wiehed jikkalkula l-entita' tal-investiment. Is-subkoncessjoni saret ghal *circa* 97 sena, bil-pattijiet u kundizzjonijiet hemm stipulati *inter alia* ghas-subcens hemm imsemmi. L-esponenti John Zarb altru milli kien kawt fil-komputazzjonijiet tieghu billi bbaza ruhhu fuq perijodu ta' ghaxar snin ghal-liema perijodu, kif stipulat fl-istess kuntratt, ghandu jithallas subcens annwu ta' mhux anqas minn LM350,000 fis-sena liema somma ghandha tkun "*incressed annually according to the Maltese inflation rate as determined by the retail price index published in the Government Gazzette*". Is-somma

ta' LM350,000 ghall-ghaxar snin tammonta ghall-LM3,5000,000 u bl-offerta lilu maghmula minn Port Cottonera, il-kumpens dovut lill-John Zarb bir-rata ta' 2.5% jammonta ghal LM87,500. Ir-rimanenti LM12,500 ikopru *arbitrio boni viri* l-*inflation rate* stipulat fil-kuntratt u s-subcens ghar-rimanenti 87 sena.

In-negozjati ta' transazzjoni bonarja ghan-nom ta' Port Cottonera Limited mal-esponenti John Zarb saru mid-direttur Joseph Debono; kien l-istess Joseph Debono li wassal l-offerta ta' Port Cottonera lil John Zarb; kien lil Joseph Debono li saret il-kontroproposta. Fir-rikors promotorju, "Joseph Debono, li huwa direttur…., jichad li qatt ircieva l-informazzjoni msemmija. (i.e. l-ammont pretiz) minghandu (minghand Zarb)." Jekk dan huwa loghob bil-kliem fis-sens li l-informazzjoni inghatat mill-avukat u mhux minn Zarb innifsu, dan m'ghandux ikun ghaz ir-rizultat huwa li tigi zvizzjata l-Qorti; izda jekk dan mhux loghob bil-kliem, allura din id-dikjarazzjoni mhix

veritjera u dan huwa kundannabbli. Kif jistgha qatt ikun li Joseph Debono qieghed jinnegozja transazzjoni meta ma kienx jaf x'inhi il-pretensjoni tal-esponenti?

Ghalhekk, jekk Joseph Debono ma gharrafx lid-diretturi l-ohra dwar dawn in-negozjati, din hija problema interna tas-socjeta' Port Cottonera Limited u mhux tal-esponenti; zgur pero' li l-ammont ezatt tal-pretensjoni ta' Zarb kienet komunikata lis-socjeta' tramite in-negozjatur mibghut mill-istess socjeta'.

L-esponent jaghmel accenn ghal fatt illi qabel dawn in-negozjati, huwa kiteb diversi drabi lill-Port Cottonera Limited dwar din il-kwistjoni u dejjem baqa' bla risposta. Peress illi n-negozjati ma waslu ghal ebda ezitu favorevoli, f'Mejju 2002, giet prezentata ittra ufficjali u sussegwentement kellha ssir il-kawza

4. (c) L-ammont ddikjarat fil-Mandat huwa ferm ghola minn dak dovut:

Kif gie sottomess fil-paragrafu precedenti, l-ammont ta' LM100,000 imsemmi fil-mandat kawtelatorju huwa mhux biss ragonevoli izda konservattiv hafna.

Kuntrarjament ghal dak illi qed jigi allegat, kienet is-socjeta' Port Cottonera Limited illi kkoncediet b'titolu ta' subenfitewsi temporanja lil Scamps Development Limited *inter alia* il-lokal maghruf bhala Scamps Palace minn fejn qed jigi gestit il-casino'. Anki l-allegazzjoni illi John Zarb ma ppartecipa xejn fit-trattativi hija inveridika. Kien John Zarb illi hajjar lill-Casino Municipale di Venezia S.p.a biex tinvesti fil-progett intrapriz mill-Port Cottonera Limited. Il-kuntatt kien ghamlu hu: hajjar lid-dirigenti ta' din is-socjeta' estera jigu Malta kif fil-fatt ghamlu u introducihom lid-diretturi tal-Port Cottonera Limited. Wara diversi inkontri u diskussjonijiet li kien kwazi dejjem prezenti

ghalihom John Zarb, il-partijiet waslu u effettivament l-investiment sar kif jidher *del resto* mill-import tal-kuntratt fuq imsemmi. Kien minhabba f'hekk ukoll illi giet mibghuta *fax* mill-Port Cottonera lil Zarb fejn qalulu illi kienu interessati jiltaqghu ma' din il-kumpanija Taljana u f'kaz illi kif jinghad fl-istess *fax* "*any company you introduce us to decides to invest in the project, there is an introductory fee of 2.3%*".

Ghal dawn il-motivi, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi t-talbiet ghar-revoka tal-mandat u/jew ghall-ghotja ta' garanzija, huma bla basi u ghandhom jigu michuda.

Rat id-dokumenti annessi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza s-socjeta'' rikorrenti Port Cottonera Limited qed taghmel din il-procedura sabiex, fl-ewwl lok, titlob it-thassir tal-fuq imsemmi Mandat ta' Sekwestru, u dana a tenur ta' l-artikolu 836(1)(b)(c)(d)(e) u (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u, f'kaz li din it-talba ma tigix milqugha, qed titlob, fit-tieni lok, li s-sekwestrant jigi kkundannat jaghti garanzija xierqa ghall-hlas ta' penali li tista' tigi imposta u ta' danni u imghax, u dana a tenur ta' l-artikolu 838A tal-istess Kap. 12.

Is-sekwestrant, f'dawn il-proceduri, talab u ottjena l-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru fuq pretensjoni li ghandu dritt ghas-senserija/kumpens ghas-servizzi resi, wara li, bis-sahha ta' l-intervent tieghu, il-Casino' Municipale di Venezia S.p.a. kien investa fi progett intrapriz mill-Port Cottonera Limited. Skonf ftehim milhuq bejn il-partijiet, konfermat b'ittra tas-socjeta' rikorrenti (fol.45), f'kaz li "*any company you introduce us to decides to invest in the project, there is an introductory fee of 2.5%*." L-intimat, John Zarb qed jippretendi hlas a bazi ta' dan il-kuntratt, u peress li ma ntlahaqx ftehim dwar jekk ghandux dritt ghall-kumpens u, f'kaz affermattiv, il-*quantum*, huwa

fetah kawza fejn qed jitlob li jigi likwidat u mhallas il-kumpens dovut lilu. Biex jikkawtela din it-talba, l-istess john Zarb ottjena l-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru ghas-somma ta' LM100,000.

Ir-rikorrenti qed jitolbu li jithassar dan il-mandat peress illi, fi ftit kliem, hemm proprjeta' bizzejjed li fuqha s-sekwestrant ikun jista' jesegwixxi s-sentenza li jista' jottjeni minn dawn il-Qrati, is-somma kawtelata hi eccessiva, u, fic-cirkustanzi, mhux raggonevoli li jinzamm fis-sehh dan il-Mandat. Dawn ir-ragunijiet huma imfissra fl-artikolu 836 (1) (c) (d) u (f) tal-Kap. 12. Ir-rikorrenti ghamlu riferenza ukoll, bhala raguni ghar-revoka tal-Mandat, ghas-sub-paragrafi (b) u (e) ta' l-istess artikolu 836 (1), pero, fil-fehma tal-Qorti dawn ir-ragunijiet jistghu jigu skartati mill-ewwel ghax, fl-ewel lok, ir-rikorrenti ma urietx liema kundizzjoni mehtiega mil-ligi ghal-hrug tal-Mandat hu nieqes, u fit-tieni lok lanqas ma offriet garanzija alternattiva biex din il-Qorti tezamina jexx hijiex sufficjenti jew le. Fil-fatt, Mandat ta' Sekwestru jinhareg fuq ir-responsabilita' ta' Sekwestrant li jrid jikkonferma li ghandu pretensjoni valutabbli fi flus u jsegwi l-procedura rikjesta fil-mili tal-formola apposita. Dan kollu gie segwit mill-intimat, u ma

jirrizultax li t-talba ghal-hrug tal-Mandat kienet nieqsa minn xi kundizzjoni mehtiega mill-ligi.

L-artikolu 836 (1) (c) jikkontempla t-thassir tal-Mandat jekk tkun tezisti sigurta' adegwata ohra li tkun tista' tissodisfa l-pretensjoni tas-sekwestrant. Ir-rikorrent ipprovat turi li ghandha "assi notevoli" li fuqhom l-intimat ikun jista jesegwixxi kwalunkwe sentenza li talvolta jottjeni, pero', ftit li xejn wriet, in konkret li ghandha assi zguri li jistghu jaghmlu tajjeb ghall-pretensjoni tal-intimat. Ghandha, veru, tircievi somma flus, konsistenti f'sub-cens, u dan minghand is-socjeta' Scamps Development Limited, garantit, ghal certu zmien, mis-socjeta' estera Casino' Municipale di Venezia S.p.a., pero', mhux biss kull kuntratt ta' enfetewsi jista' jithassar mill-partijiet u hu soggett ghar-rizoluzzjoni f'kazijiet kontemplati fil-ligi, izda is-socjeta' rikorrenti ma wrietx kif se tigbor ic-cens dovut jekk ma jithallasx u l-kumpanija li ghandha thallas is-sub-cens ma jkollhiex assi. Fi kliem iekor, is-socjeta' rikorrenti ma wrietx x'assi ghandha is-socjeta' sub-enfetewtika Scamps Development Limited, li fuqha l-intimat ikun jista' jdur, jekk ma jithallasx dak li jista' jkun dovut lilu, tramite l-azzjoni

*debitor debitoris mei*. Veru wkoll li hemm garanzija ta' socjeta' estera, pero', mhux biss din hi limitata biz-zmien, izda garanzija ta' hlas minn kumpanija estera ma tistax fil-fehma ta' din il-Qorti, titqies bhala "garanzija sufficjenti", bil-problemi u spejjez kbar li azzjoni barra minn Malta neccessarjament tinvolvi. Barra minn dan, lanqas ma intwera li dik is-socjeta' li hi solvibbli u jekk dik il-kumpanija tkunx lesta li tonora l-garanzija li nghatat. Dawn huma kollha diffikultajiet li ma jinteresghux lill-intimat izda li jistghu joholqu intoppi jekk jigi biex jesegwixxi sentenza li jista' jiehu, u ghalhekk, idghajfu ftit jew wisq, is-sufficjenza tas-sigurta' alternattiva.

Ir-rikorrenti isemmi wkoll li s-socjeta' sekwestrata ghandha 99% tal-ishma f'diversi socjeta'jiet sussidjarji taghha li jgawdu titolu ta' sub-cens fuq l-immobbli kollha intizi ghall-progett fil-Kottonera. Dan ukoll mhux proprjeta' sodha, ghax ic-cens hu temporanju, u hu dejjem soggett ghar-rizoluzzjoni jekk per ezempju, jinkisru xi kundizzjonijiet imposti mill-padrun dirett fil-koncessjoni originali jew ma tithallasx ic-cens pattwit.

Il-garanzija indikata hi kollha marbuta mal-istess progett li qed jitwettaq fil-Kottonera u jekk dan il-progett, ghal xi raguni jew ohra, ifalli, is-suppost sigurta' indikata taqa' wkoll, ghax l-ewwel ma jidhol ikun il-Gvern, bhala l-padrun dirett. Is-sigurta' alternattiva li tista' toffri s-socjeta' rikorrenti hija wisq incerta u dipendenti fuq diversi fatturi (fosthom, is-success tal-progett), li ma tistax titqies minn din il-Qorti, bhala sigurta' adegwata. Ir-rikorrenti stess tammetti li minhabba dan il-Mandat "giet imrazzna l-*overdraft facility* li bis-sahha taghha kienet qieghda topera", li jfisser li ma tantz tidher li ghandha "assi notevoli" ohra fuqhiex tista' tistrieh; anki l-Bank tas-socjeta' rikorrenti ma jidhirx li hu konvint b'dawn l-"assi notevoli", ghax malli hareg dan il-Mandat, "razzan" il-facilita' li kien ta lis-socjeta'' rikorrenti.

Is-socjeta'' rikorrenti tilmenta wkoll li l-pretensjoni tar-rikorrenti, kwantifikata fis-somma ta' LM100,000, mhix gustifikata u hi eccessiva. Din l-allegazzjoni hi bazata, principalment, fuq il-fatt li l-intimat naqas li jikkwantifika l-pretensjoni tieghu f'Ittra Ufficjali li fiha baghat biex jinterpella ghall-hlas u naqas li jaghmel dan bil-miktub anke wara li gie mitlub jindika l-pretensjoni tieghu. Apparti l-fatt li l-

intimat stqarr li hu kien indika verbalment il-pretensjoni tieghu f'laqghat li kellu mad-diretturi tas-socjeta' rikorrenti, liema laqghat kienu saru bi sforz li jintlahaq ftehim bonarju, dan l-allegat nuqqas ma jfissirx li s-somma eventwalment kawtelata hija eccessiva. Jekk is-somma kawtelata hijiex jew le eccessiva, johrog minn ezami *prima facie* tal-bazi tal-pretensjoni tas-sekwestrant. Fir-risposta li ressaq l-intimat ghal dawn il-proceduri, huwa spjega, fil-qosor kif wasal ghal figura ta' LM100,000, u din il-Qorti, wara li ezaminat l-istess risposta u d-dokumenti l-ohra esebiti, ma tarax li dik is-somma kawtelata hija eccessiva jew irragonevoli. Ovvjament, din il-Qorti mhux qed tippronunzja ruha dwar il-validita' tal-pretensjoni tal-intimat jew li hu haqqu dik is-somma kawtelata (dan ghandu jkun il-fini tat-trattazzjoni tal-kawza imressqa mill-intimat fejn qed jitlob il-kanonizazzjoni tal-pretensjoni tieghu), izda qed tghid biss li, ghal fini ta' dawn il-proceduri, is-somma pretiza ma tidhirx eccessiva.

Ghandu jinghad ukoll li ghalkemm l-art. 836 (8)(b) jikontempla hlas ta' penali jekk jigi muri li, qabel it-talba ghal-hrug tal-Mandat, ma tkunx saret interpellazzjoni ghall-hlas, din l-interpellazzjoni mhux

necessarjament tkun bil-miktub ("*in any manner*" – ara " Debono vs Ohio Developments Ltd", deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 1998), u lanqas ma hu mehtieg li l-interpellazzjoni tkun ta' somma determinata, specjalment meta l-kreditu jkun ghad irid jigi likwidat.

F'kull kaz, is-socjeta' rikorrenti tallega li, fic-cirkustanzi, ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh dan il-mandat. Minn dak li gie sottomess f'dawn il-proceduri, jirrizulta, anzi, l-kuntrarju lil dina l-Qorti. Is-socjeta' rikorrenti tidher li qed tahdem b'*overdraft* u, kif intwera, il-vijabilita' tal-kumpanija jiddependi mis-success o meno tal-intrapriza, u dan hu fattur li jiddependi fuq hafna cirkostanzi, kemm lokali u kemm internazzjonali (per ezempju, ricessjoni internazzjonali, nuqqas ta' turizmu), tant li, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma jkunx gust li tissoggetta l-eventwali pretensjoni ta' hlas tal-intimat fuq dawn ic-cirkustanzi. Il-haddiema tal-kumpanija ghandhom il-paga taghhom, sa certu limiti, protett bi privilegg legali u l-intimat, li wisq probabbli, jekk jirbah il-kawza, jigradwa wara l-haddiema, m'ghandux jithalla skopert.

Ghalhekk, it-talba ghat-thassir tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 1488/02, bazata fuq l-artikolu 836 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tigi respinta.

F’kaz li l-mandat ma jithassarx, is-socjeta’' rikorrenti qed titlob, alternattivament, l-ghoti ta’ garanzija kif kontemplat fl-art. 838A tal-istess Kap. 12.

L-artikolu 838A tal-Kap. 12 jiddisponi illi:

> “Il-Qorti tista’, meta tintwera kawza gusta ghal dan, malli ssirilha talba b’rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-hrug ta’ l-att kawtelatorju sabiex taghti, fi zmien stabbilit mill-Qorti, garanzija xierqa ghall-hlas ta’ penali li tista’ tigi imposta u ta’ danni u imghax, u fin-nuqqas, li tnehhi l-att kawtelatorju.”

Skond dan l-artikolu, allura, minn johrog att kawtelatorju jista jigi ordnat jaghti garanzija biex taghmel tajjeb ghad-danni u/jew penali li jista jkun possibili skond il-ligi.

Ir-responsabbilita' ghall-penali hija regolata bl-artikolu 836 (8) tal-istess Kap. 12, fil-waqt li dik ghall-hlas tad-danni hi regolata bis-sub-artikolu (9) tal-istess artikolu 836. Dawn is-sub-artikoli jipprovdu dan li gej:

836 "(8) Il-Qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inhareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali ta' mhux inqas minn hames mitt lira u mhux izjed minn tlett elef lira li jmorru ghand il-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, f'kull kaz minn dawn li gejjin:

(a) jekk ir-rikorrent ma jaghmilx il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stabbilit bil-ligi;

(b) jekk, fuq it-talba tal-konvenut ghat-tnehhija ta' l-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att

kawtelatorju kellu jinhareg jew illi fi zmien hmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta' bizzejjed:

Izda d-disposizjonijiet ta' dan il-paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm ragunijiet ta' urgenza ghall-hrug tal-mandat;

(c) jekk ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidida' tieghu u dwar il-kapacita' finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrent u din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew;

(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.

(9) Fil-kazijiet li jaqghu taht is-subartikolu ta' qabel dan, il-Qorti tista', meta ssirilha citazzjoni mill-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, tikkundanna lir-rikorrent li fuq talba tieghu jkun inhareg il-mandat kawtelatorju sabiex ihallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setghet garrbet bil-hrug tal-mandat, u f'kawzi bhal dawk il-Qorti ghandha tara u tuza l-iskritturi tal-procedimenti ta' l-att kawtelatorju u ta' kull procediment iehor li johrog jew jitnissel minnu, u dawk l-iskritturi ghandhom jitqiesu bhala prova ammissibbili ghall-finijiet ta' din l-azzjoni."

Mill-premess, m'ghandux ikun hemm dubbju li l-penali jistghu ikunu dovuti biss jekk tirrizulta xi wahda jew aktar mill-ipotesijiet kontemplati fl-artikolu 836(8). Dawr ir-responsabilta' ghad-danni, pero', mhux daqsekk car jekk din ir-responsabilta' tirrizultax biss f'kaz li jissostitwixxu l-kazijiet kontemplati fl-imsemmi sub-artikolu (8), jew tistax tirrizulta wkoll f'cirkustanzi ohra mhux kontemplati f'dak is-subartikolu.

Din il-Qorti, diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Giannino Caruana Demajo, f'kawza diciza fil-11 ta' Jannar, 2002, fl-ismijiet "Busietta Gardens Madliena Limited vs Civil Engineering and Contractors Company Limited et" kellha dan xi tghid dwar din il-kwistjoni:

> "Fil-fehma tal-Qorti din id-dispozizzjoni (art. 836(9)) tfisser biss illi, fil-kazijiet fejn tista' ssir kundanna ghall-hlas ta' penali, jistghu wkoll jinghataw id-danni – il-penali ma hix rimedju wahdieni; jistghu jinghataw wkoll id-danni, u l-fatt li tinghata penali ma jeskludix li jinghataw danni wkoll – u tghid x'ghandha tkun il-procedura. Il-fatt illi, meta tinghata penali, jistghu ukoll jinghataw id-danni ma jfissirx illi d-danni jistghu jinghataw biss meta tista' tinghata penali. Ukoll meta mandat kawtelatorju jinhareg *in bona fide* u f'cirkostanzi li ma humiex imsemmija fl-imsemmija fl-art. 836(8) jista' jaghmel hsara lill-parti li kontra taghha jkun inhareg. Xi hadd irid ibaghtihom dawn id-danni: jew dak li nhareg il-mandat kontra tieghu meta fil-fatt ma kienx

debitur, jew dak li, ghalkemm mexa *in bona fede* meta talab il-hrug tal-mandat, tilef il-kawza ghax fil-fatt ma kienx kreditur. Ga rajna illi d-dritt li tikseb il-hrug ta' mandati kawtelatorji ma hux wiehed li jinghatalek *gratis*; jekk taghmel hsara lil haddiehor bil-hrug tal-mandat, ikollok taghmel tajjeb ghal dik il-hsara u mhux tippretendi li tbatiha l-parti l-ohra, li, wara kollox, tkun rebhitlek il-kawza. Nergghu lura ghal dak li jghid l-artikolu 829 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili dwar min hu responsabbli ghall-hrug tal-mandat u ghall-konsegwenzi kollha li dan igib mieghu.

F'dan l-istadju l-kawza ghadha ma nqatghetx; ghalhekk ghadna ma nafux jekk il-hsara li jista' jaghmel il-mandat ghandhomx ibatuha r-rikorrenti jew l-intimata; ghalhekk ukoll qieghda tintalab biss garanzija ghad-danni, mhux kundanna. Hekk kif l-intimata kellha l-jedd li titlob il-hrug tal-mandat biex thares il-pretensjoni taghha, li ghadha biss kreditu potenzjali, mhux accertat gudizzjarjament,

> hekk ukoll ir-rikorrenti ghandhom jedd jitolbu garanzija kontra d-danni li l-hrug tal-mandat jista' jaghmilhom."

Din il-Qorti, kif presjeduta, thoss bir-rispett kollu, li t-terminu ta' dan id-dicta huwa ftit wiesgha. Skond dik is-sentenza, jekk persuna tiftah kawza *in buona fede*, ghax genwinament thoss li ghandha ragun, u tikkawtela l-pretensjoni tieghu bi hrug ta' mandat kawtelatorju, jekk, ghal xi raguni jew ohra, titlef il-kawza, tkun passibili ghad-danni. Din il-Qorti thoss li dan il-principju jista' jkun perikoluz ghal min ikun titolar tad-dritt, ghax il-possibilta' li kawza tintilef huwa dejjem reali, sod kemm ikun sod it-titolu pretiz mill-attur. Dan il-principju jista' jbieghed lil min ikun fis-sewwa milli jitlob ir-rimedju mill-Qorti u dan minhabba l-biza, dejjem reali, li jitlef il-kawza u, kwindi, ikollu jhallas danni.

Il-principju assodat mill-gurisprudenza lokali hija li ezercizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal ghar-responsabbilta' ghad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbuzat u jkun ezercitat fil-limiti permessibili mil-ligi. Ghalhekk, gie deciz li min jiftah il-kawza u jitlifha, ma jkunx responsabbli ghad-danni, sakemm il-ftuh tal-kawza ma jkunx sar

b'mod vessatorju (ara "Farrugia vs Sammut", Kollez Vol. XXXVIII.I.223); u "Barbara vs Fleri" Kollez. Vol. XXVIII.III.695). Huwa meta persuna tagixxi kapriccosament jew b'*mala fede*, li hija tista' tkun responsabbli ghad-dani li jsegwu l-agir irresponsabbli taghha.

Din il-Qorti, ghalhekk, fil-waqt li tista' taqbel li c-cirkustanzi ta' meta min ikun hareg mandat kawtelatorju jista jinsab responsabbli ghad-danni, mhux limitati ghal dak provdut fl-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, thoss li r-responsabbilita' trid tohrog mill-applikazzjoni tal-artikolu 1031 u 1032 tal-Kodici Civili (Kap. 16), b'mod li jkun responsabbli biss jekk jagixxi b'imprudenza, b'negligenza jew mhux bil-hsieb ta' *bonus pater familias*.

Din il-posizzjoni tidher li kienet abbraccjata ukoll min din il-Qorti kif diversamnet presjeduta mill-Onorevoli Imhallef (illum President Emerities) Joseph Said Pullicino fil-kawza "Spiteri vs Camilleri" deciza fl-10 ta' Jannar, 1992. F'dik il-kawza gew riaffermati s-segwenti principji:

(a) "Illi huwa principju fundamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju ikun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista' jbaghti haddiehor, in omagg ghall-massima "*qui suo iure utitur non videtur damnum facere*", bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-citaddin ma ghandhu bl-ebda mod jigi mxekkel;

(b) Illi tali dritt tac-cittadin ghar-rikors lejn il-Qorti ma ghandux jigi abbuzat;

(c) Illi l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma jfisser necessarjament li sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti. "*Non e' in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il riconoscimento, sebbene non vi riesca"* ("Demajo vs Page" Kollez. Vol. XV. Pg. 34 P.A. 24.1.1985). Dan ghaliex ghalkemm il-ligi hija l-istess ghal kulhadd, huwa veru ukoll li l-

ligi hija soggetta ghal diversi, interpretazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-gudikant biex jinterpreta u jiddeciedi dwarhom;

(d) Illi tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' ("Emanuele Calleja vs Carmelo Grima" Kollez. Vol XXXIX. I. 24) *nascenti* minn *mala fede* jew *dolo* jew almenu negligenza gravament kolpuza ("Agius vs Dott. Carbone nomine" Kollez. Vol. XIII. 434), fejn min ikun agixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti "*priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite"* ("Mugliette vs Bezzina" Kollez. Vol. XXVI. I. 405);

(e) Illi dan l-ahhar principju huwa bbazat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja, ghaliex inghad sew illi:-

"*Il diritto cessa dove comincia l-abbuso…. Riteniamo che basta, per proteggere tutti l'interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano i bisogni della societa', di aderire al concetto generale che tutti I diritti hanno dei limiti."* Applikat dan il-principju ghad-dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi *"chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo' essere condannato a pagare un'indemnita' al suo avversario…."* (Baudry – Lacantinerie. – Trattato Prattico di Diritto civile – Delle Obligazioni – Vol. VI. Pg. 560).'

Din il-Qorti, kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Raymond Pace, fil-kawza "SN Properties Ltd vs Camilleri" deciza fit-6 ta' Gunju, 2000, kienet ukoll ta' l-istess fehma. F'dik il-kawza intqal li: = "Minn ezami tal-istess ragunijiet jidher

car, li apparti xi ragunijiet specifici li gew introdotti per se fl-istess artikolu, l-ispirtu tal-istess artikoli huwa intiz, sabiex bhal ma stabbilit fil-gurisprudenza konstanti ezistenti qabel il-promulgazzjoni tal-istess emendi, ma jkunx hemm abbuz minn tali hrug ta' mandati kawtelatorji, u dan l-abbuz huwa identifikat f'kazijiet ta' *mala fede*, vessatorjeta' u negligenza grossolana.

"Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti tali kazijiet ma eliminawx per principju l-azzjoni generali ghad-danni fuq riferta fis-sentenzi citati ai termini tal-**Artiloku 1031 tal-Kap. 16**, dejjem fil-kuntest u b'konsegwenza ta' dritt ta' azzjoni, pero' in verita' u fil-prattika tali azzjoni, diretta ghall-hrug ta' mandati kawtelatorji, giet illum kristalizzata bl-istess **Artikolu 836 (9)**. Dan ghaliex l-istess artikolu introdott bil-ligi tal-1995, ikkodifika u applika l-principji elenkati fil-gurisprudenza ta' qabel in materia, dwar l-ezercitazzjoni ta' azzjoni ta' danni wara l-hrug ta' mandat kawtelatorju, u minn ezami ta' l-istess ragunijiet hekk elenkati, huwa difficili li wiehed jahseb li hemm ragunijiet

barra dawk elenkati fl-istess **Artikolu 836**, fejn l-azzjoni in generali tista' tirnexxi".

Mill-premess, jidher, li l-posizzjoni akktar akkredita hija dik abbraccjata minn din il-Qorti f'din il-kawza, u cioe', li r-responsabbilita' ghad-danni, naxxenti minn proceduri gudizzjali ssib il-limitazzjoni taghha fl-artikolu 836 (8) tal-Kap. 12, b'zieda li tista wkoll tiddependi mill-vessatorja u/jew il-*mala fede* ta' dak li jkun nieda dawk il-proceduri *ai termini* tal-artikolu 1031 tal-Kap. 16.

Illi dan ifisser illi dak li l-Qorti trid tara f'dan l-istadju tal-kawza, darba li c-cirkustanzi l-ohra ma jirrizultawx, huwa jekk l-intimat kellux *prima facie* bazi guridika li fuqha seta' jagixxi sabiex johrog mandat kawtelatorju, u dan fid-dawl tal-principju li d-dritt *per se* ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandu l-ebda mod jigi pregudikat, u wisq inqas id-dritt ta' persuna li tiproteggi l-interess taghha sakemm id-dritt sostansiv jigi filalment determinat mill-istess Qorti. Illi min dan isegwi li anke jekk jigi

determinat fil-pozittiv li r-rikorrenti kellu dritt jagixxi sabiex jissalvagwardja l-pretensjonijiet tieghu, kif intqal fid-decizjoni "Visa Investments Limited vs Blye Engineering Co. Ltd." deciza minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Raymond Pace, fis-7 ta' Frar, 2001, "illi ovvjament dan ma jfissirx li tali azzjoni tas-socjeta' intimata ser tirnexxi, ghaliex id-determinazzjoni tal-istess talbiet tispetta biss lil dik il-Qorti li qed tisma' l-mertu tal-kawza u fl-ambitu tal-kawza proprja dwar il-mertu".

Minn ezami ta' l-atti ta' din il-kawza, il-Qorti ma jidhrilhiex li tista' tghid li l-intimat m'ghandux *prima facie* bazi guridika li fuqha seta' jagixxi. Il-partijiet ftehmu li l-intimat jinghata kummissjoni jekk jintroduci socjeta' li tinvesti fil-progett. Jidher, almenu *prima facie*, li l-investiment li sar mis-socjeta' Casino' Municipale di Venezia S.p.a., sar wara intervent tal-intimat, u, dan ghalhekk, ukoll *prima facie,* jidher li ghandu dritt ghall-kummissjoni. Gia' gie muri li s-somma kawtelata mill-intimat ma tidhirx li hija *prima facie* eccessiva u kwindi, fic-

cirkustanzi, ma jidhirx li hemm lok li tigi imposta garanzija skond l-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti tiddeciedi r-rikors billi tichad it-talbiet kollha tas-socjeta' rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha.

IMHALLEF

D/REG